# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 533/2005 AF**

**Alfred Azzopardi**

**v.**

**Twanny Borg**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut mis-sentenza tas-7 ta' Jannar 2015 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawza fl-ismijiet premessi, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talba tal-attur. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

2. Fl-1 ta' Ġunju 2005 l-attur Alfred Azzopardi ippreżenta att taċ-ċitazzjoni li fih ippremetta li l-konvenut huwa debitur tiegħu fis-somma ta' Lm26,713.30, bilanċ minn somma akbar, rappreżentanti prezz ta' prodotti agrikoli u kaxex mibjugħa lilu. Għalhekk talab lill-Qorti biex:

*"1. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' sitta u ghoxrin elf, seba' mija u tlettax-il lira u disa' u tletin centezmu (Lm26,713.39) minnu dovuta kif premess.*

*Bl-imghax mill-konsenja sal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju 2002."*

3. Fl-24 ta' Ġunju 2005 il-konvenut ippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fejn eċċepixxa s-segwenti:

*"In linea preliminari, l-eccipjent jecepixxi li huwa ma giex innotifikat bid-dokumenti imsemmija fil-lista tad-dokumenti mac-citazzjoni hekk kif tirrikjedi l-ligi.*

*"Preliminiarjament ukoll, l-eccipjent jecepixxi illi l-attur naqas milli fic-citazzjoni mressqa minnu jikkonforma ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 174(2)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"L-eccipjent jecepixxi illi huwa gia' hallas dak li kien dovut lill-attur u m'ghandu jaghti xejn aktar lill-attur u dana hekk kif se jkollu l-opportunità jipprova l-eccipjent waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*"Minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent jecepixxi illi l-ammont mitlub mill-attur huwa fi kwalunkwe kaz wiehed esagerat. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

4. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2015 laqgħet it-talbiet tal-attur. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, il-kunsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tagħha qegħdin jiġu riprodotti fl-intier tagħhom:

*"Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Alfred Azzopardi qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lil Twanny Borg ihallsu l-ammont ta' flus li ghandhom dovuti lilu bhala hlas ta' prodotti agrikoli lilu mibjugha.*

*"Jirrizulta illi Alfred Azzopardi li huwa pitkal, kien ibiegh prodotti agrikoli lil Twanny Borg. Dan tal-ahhar kien ibiegh il-bicca l-kbira taghhom lill-Gvern peress illi kien rebah tenders biex jissuplixxi sptarijiet u l-habs. Il-hlas ma kienx ikun regolari u ghalhekk wara xi zmien Alfred Azzopardi ma kompliex ibieghlu. Twanny Borg isostni li ma baqaghlu jaghti xejn aktar.*

*"Il-Qorti tibda biex tikkonsidra l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari li dwarhom ma ngiebet ebda prova u lanqas ma saret ebda referenza ghalihom fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenut. Ghal fini ta' kompletezza il-Qorti qeghda tiskartahom stante li ma nghatat ebda hjiel ghal xiex kienu qeghin jirreferu.*

*"Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, l-Art. 562 tal-Kap. 16 (recta 12) jipprovdi illi:*

> *"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

*"Huwa ritenut inoltre illi:*

> *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili" – (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004)*

*"Huwa konsistentement ribadit illi min jallega pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.*

*"Qabel kull riflessjoni li jehtiegilha ssir fuq il-provi akkwiziti ma jkunx inopportun jekk jigi ri-affermat il-principju illi fejn konvenut jikkontraponga difiza bazata fuq hlas bi kwalsiasi mod l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Hu wkoll generalment accettat illi f' kaz ta' dubju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (Vol. XXXV P III p 604)." – (Cefai*

*vs Xuereb) (Prim'Awla 28.1.2004)*

*"Il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti fid-dawl tal-principji fuq esposti. Ikkunsidrat partikolarment ix-xhieda tal-komputista David Pace, accountant tal-attur li kkonferma li l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' LM22,430.79 ghal frott u haxix u Lm428.60*[1] *ghal 1862 kaxxa li fih gie konsenjat ilprodott. (Ara fol. 318)*

*"Dawn il-figuri gew konfermati mid-dokumenti AGR1 (in atti a fol. 507) li huwa dokument mahrug mid-dipartiment talagrikoltura u li jispecifika precizament il-metodu li bih ikun gie kreditat il-kont tal-pitkal. Il-Qorti tinnota li waqt il-bejgh fil-pitkalija, rapprezentant tad-dipartiment governattiv, jinnota nnegozju li jsir bejn il-pitkal u l-bejjiegh. Din l-informazzjoni tigi trasmessa direttament mid-dipartiment lil APS Bank li jipprovdi s-servizzi bankarji kollha relatati mal-pitkalija. Il-Bank, ghalhekk ikollu record preciza tan-negozju ta' kull pitkal ma' kull bejjiegh.*

*"Il-hlas ghax-xoghol isir b'wiehed minn zewg metodi – jew ihallas il-bejjiegh (hawker) ghal dak li jkun xtara (method 1). Fin-nuqqas, il-Bank jiddebita l-kont tal-pitkal innifsu sabiex ikun jista' jithallas il-bidwi tal-prodott (method 2). Din issistema giet ampjament spjegata fil-Qorti kemm mirrapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura (ara fol. 333) kif ukoll minn rapprezentant ta' APS Bank (ara fol. 340). Id-dokument ufficjali fuq imsemmi juri l-ammonti kollha li spiccaw gew debitati lill-kont tal-attur (method 2).*

*"Dawn il-provi dokumentarji ma gew kontradetti b'ebda mod mill-konvenut u ghaldaqstant il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi it-talba tal-attur hija pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u jisthoqqilha li tigi milqugha.*

*"Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' Alfred Azzopardi u tikkundanna lil Twanny Borg ihallas lil Alfred Azzopardi is-somma ta' €62,242.19c (tnejn u sittin elf, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu) ekwivalenti ghal Lm26,713.39 (sitta u ghoxrin elf, seba' mija u tlettax-il Ewro u disa' u tletin centemzu) bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fic-citazzjoni.*

*"L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Twanny Borg."*

## <u>Rikors tal-appell tal-konvenut (27.01.2015):</u>

[1] Din il-Qorti tosserva li dan l-ammont indikat mill-ewwel Qorti huwa inkorrett. L-ammont fil-fatt għandu jaqra <u>**Lm4282.60**</u> mhux Lm428.60

5. Il-konvenut ħassu aggravat mis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. Bażikament jargumenta li l-attur ma ppruvax il-kreditu tiegħu. Isostni li minkejja li l-attur ippreżenta ħafna dokumentazzjoni u tella' diversi xiehda, huwa naqas li jispjega eżattament kif wasal għas-somma pretiża minnu. Iżid jgħid li għalkemm l-attur kellu kull jedd skont il-liġi li jressaq provi esterni u indipendenti bil-għan li jipprova l-kreditu tiegħu, dan ma jfissirx li hu eżentat bħala kummerċjant li jżomm il-kotba li hu obbligat li jżomm a tenur tal-Art. 13 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostni li huwa ċar mill-atti li huwa ma żammx ma' dan l-obbligu.

6. Huwa a skans ta' repetizzjoni għamel ukoll referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

**Risposta tal-appell tal-attur (27.02.2015):**

7. L-attur wieġeb biex jgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Isostni li l-konklużjoni fattwali li waslet għaliha l-ewwel Qorti saret fl-għarfien sħiħ li l-oneru tal-prova tad-dejn kienet fuqu, u li hija mibnija fuq bażi soda ta' provi konvinċenti: mhux biss mill-kotba tiegħu iżda wkoll minn xiehda uffiċjali u indipendenti bħal ma huma dipartiment tal-gvern u bank kummerċjali. Isostni li tali xiehda jsaħħu l-prova li huwa għamel permezz tal-*accountant* tiegħu u ma tagħmilx sens l-asserzjoni

tal-konvenut appellant li huwa ma żammx il-kotba kif suppost. Isostni li jekk kien hemm nuqqas ta' prova, din kienet min-naħa tal-konvenut, in kwantu ma għamilx prova tal-ħlas u għalhekk l-ewwel Qorti korrettement ċaħdet l-eċċezzjonijiet tiegħu. Iżid jgħid li l-konvenut mhux biss m'għandux raġun fl-appell tiegħu, iżda adirittura l-appell huwa fieragħ u għandu jiġi miċħud bi spejjeż doppji kontrih.

**<u>Provi:</u>**

8. L-attur Alfred Azzopardi huwa pitkal. Huwa fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu sostna li għandu jieħu Lm26,713.39 mingħand il-konvenut Twanny Borg (hawker). Spjega l-ammont pretiż minnu hekk:

| | |
|---|---|
| Prodotti agrikoli mibjugħa lilu | Lm32,230.79 + |
| Valur ta' 1862 kaxxa li li jiswew (Lm2.30-il waħda) | Lm4,282.60 |
| TOTAL | **Lm36,513.39 -** |
| Ħlas akkont | Lm9,800.00 |
| BILANĊ | **<u>Lm26,713.39</u>** |

9. Fl-affidavit tiegħu[2] huwa reġa' kkonferma dan l-ammont. Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami[3] qal li l-konvenut ġieli ħallsu. Kwantu għall-bilanċ pretiż minnu qal li l-konvenut għamillu ċekkijiet li bbawnsjaw ħames

[2] Fol 324-325
[3] Fol 528

darbiet. F'xiehda oħra sussegwenti[4] qal li ċ-ċekkijiet li ma tħallsux dejjem tahom lura lill-konvenut.

10. Flimkien mal-att taċ-ċitazzjoni l-attur esebixxa:

(i) **Dok A** (fol 6-294) konsistenti f'

- 4 *ledger statements* maħruġin mid-Dipartiment tal-Agrikoltura relattiv għall-konvenut (hawker bin-numru 834) li jelenka d-diversi "purchases" li għamel il-konvenut mingħand pitkali diversi (fosthom l-attur bin-numru 43), għas-snin 1998, 1999, 2000 u 2001; u

- sensiela ta' *invoices* maħruġa mid-Dipartiment tal-Agrikoltura relattivi għall-"*purchases*" tas snin 2000 u 2001.

(ii) u **Dok B** (295-302) konsistenti f'elenku tal-invoices għas-snin 1998, 1999, 2000 u 2001, li jwassal għas-somma globali ta' **Lm32,230.79**.

11. L-invoices relattivi għall-purchases tas-snin 1998 u 1999 ma ġewx esebiti flimkien ma' dawk tas-snin 2000 u 2001 (cioe` Dok A), iżda jinsabu f'involokru separat u huma mmarkati Dok AZ2. Wara li din il-Qorti fliet l-

[4] Fol 537

invoices kollha (ferm voluminużi), irriżultalha li fil-fatt jikkombaċu mal-figuri indikati fil-*ledger statements* u wkoll mal-figuri indikati fl-elenku Dok B[5] minn fejn jirriżulta li l-valur globali tal-prodotti mibjugħa lill-attur huma ta' Lm32,230.79.

12. L-accountant David J Pace[6] xehed li minn dan l-ammont fadal bilanċ ta' Lm22,430.79 (cioe` jidher li l-konvenut ħallas Lm9,800); u li in oltre għandu jħallas Lm4,282.60, rappreżentanti valur ta' 1862 kaxxa li tiswa Lm2.30 –il waħda.

13. Godwin Sant u ħuh Robert Sant[7] (*delivery men* mal-attur) xehdu li kien ikollhom il-problemi mal-konvenut għaliex ma kienx jirritornalhom il-kaxxi li kienu jagħtuh bix-xogħol. Qalu li għalkemm kien jirritorna minnhom, qatt ma rritornahom kollha. Qalu li Robert Sant kien iżomm kont tal-kaxxi li kien jieħu l-konvenut u ta' dawk li kien jirritorna lura, u li l-konvenut jew ibnu kienu jiffirmaw fir-rigward.

14. John Galea[8] (foreman fid-Dipartiment tal-Agrikoltura) spjega kif taħdem is-sistema fil-pitkalija. Qal li l-bidwi jħalli l-prodott għand il-pitkal u l-pitkal ibiegħu lix-xerrej. Qal li huwa joħroġ il-vouchers u l-invoices

[5] Fil-fatt irriżultalha li kien hemm "purchase" partikolari fl-ammont ta' Lm88.89 (tas-27.10.1998) li ma tniżżilx fl-elenku, iżda ladarba mhux inkluż fit-talba, din il-Qorti mhix ser tikkunsidrah.
[6] Fol 318-319
[7] Fol 320-323
[8] Fol 333-335

relattivi, u fl-aħħar tal-ġurnata jgħaddu l-informazzjoni kollha lill-APS Bank. Kompla jgħid li l-pitkal ikollu kopja tal-invoice u jgħaddiha lix-xerrej. Qal li jekk ix-xerrej li jkun xtara l-prodott ma jħallasx, il-flus ikollu jħallashom il-pitkal għas-sempliċi raġuni li inkella l-bank ma jkunx jista' jħallas lill-bidwi. Dok AZ4 esebit minnu (li jinsab fl-involokru) jelenka t-tranżazzjonijiet kollha li saru bejn il-kontendenti u fl-aħħar kolonna jidher il-metodu tal-ħlas. F'xiehda sussegwenti[9] enfasizza li meta invoice ma tkunx tħallset mill-hawker il-bank joħodha mill-kont tal-pitkal biex iħallas lill-bidwi. Qal li ċ-ċekk tal-bidwi joħroġ fis-16 ta' kull xahar u li jibqa' outstanding, il-pitkal irid jiġri wara l-hawker. Spjega li fejn il-hawker ikun ħallas lill-bank, fuq l-elenku tat-transazzjonijiet jidher **"method 1"**, u fejn il-hawker ma jkunx ħallas, u allura jispiċċa jkollu jħallas il-pitkal, fuq l-elenku tat-transazzjonijiet jidher "**method 2**."

15. Marion Attard[10] mill-APS bank esebiet outstanding invoices tal-konvenut, ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2001 li għadhom ma tħallsux mill-konvenut lill-attur. Spjegat li tas-snin ta' qabel ma jkunux inżammu mill-bank. Hija f'xiehda sussegwenti[11] ġiet murija volum sħiħ ta' statements ta' ħlasijiet. (Jidher li l-volum li qed issir riferenza għalih huwa dak li jikkonsisti f'numru kbir ta' statements tal-APS Bank li huma marbutin b'indian tag, liema dokument (stranament) la hu mmarkat u lanqas

---

[9] Fol 502-503
[10] Fol 340-31, 371-372
[11] Fol 368-369

innumerat, iżda sempliċiment jinsab fl-atti. Qalet li dawn huma statements li jirreferu għall-pitkal Alfred Azzopardi. Spjegat li dawn it-tip ta' statements jinħarġu mill-bank lill-klijent. Qalet li jekk il-voucher ma tkunx tħallset mill-hawker saż-żmien li jingħalaq il-perjodu, il-bank jiġbed il-flus mill-kont tal-pitkal u jħallasha l-pitkal; imbagħad wara dan il-perjodu l-hawker jista' jiddepożita l-ammont direttament fil-kont tal-pitkal. Qalet li għamlet riċerka fir-records tal-kontijiet tal-attur u ma sabet l-ebda depożitu da parti tal-konvenut għal ġol-kont tal-attur; għalkemm ippreċiżat li hemm xi depożiti fil-kont tal-attur li fir-rigward tagħhom ma hemmx miktub minn fejn ġejjin. F'xiehda sussegwenti oħra[12] ippreżentat statement relattiv għall-attur tal-ammonti li huma *outstanding* (Dok MA1-MA3) qalet li dawn juru l-pagamenti li jkunu saru mill-hawkers għall-kreditu tal-ammont tal-pitkal.

16. <u>Francis Frendo</u>[13] (head of operations APS) spjega li l-bank jipproċessa l-*cash management* tax-xogħol kollu tal-pitkalija. Huwa spjega l-proċedura hekk:

> *"Aħna nipproċessaw il-cash management tax-xogħol kollu tal-pitkalija. Il-ħlasijiet li jsiru mill-hawkers lill-pitkal jiġu depożitati l-bank għaliex il-pitkal huwa responsabbli għal dak il-bejgħ li jkun għamel lill-hawkers. Tal-agrikoltura jibgħatilna diskette fejn ikun hemm reġistrat il-bejgħ kollu li jkun sar il-ġurnata ta' qabel. Jiġu jħallsu u kull pagament li jsir jiġi mnaqqas minn dak li huwa dovut lill-pitkal. Il-hawkers li ma jħallsux noħorġu statement lill-pitkal fejn nuruh l-outstanding invoices tal-hawkers u cioe` l-flus li għandu*

---

[12] Fol 371-372
[13] Fol 500-501

> *jiġbor hu. Għidt hekk għaliex fl-aħħar ta' kull xahar kull pitkal jiġi debitat bl-ammont kollu li l-hawkers ma jkunux ħallsu. Dan għaliex aħna nħallsu l-prodotti kollha li jkun daħlu l-pitkalija. Aħna imbagħad nagħtu statement lill-pitkal dwar li għandu x' jiġbor mingħand il-hawker. L-ammont inkunu diġa ħallsnieh lill-bidwi. B'referenza għal paġna 14 tal-istatement datat (?) li jirreferi għal transactions bejn l-1 ta' April 2008 u t-30 ta' April 1998 b'referenza għall-hawker number 834 li huwa Anthony Borg, jidher li kien hemm dan l-ammont outstanding ta' Lm198, cioe` dovut lil Alfred Azzopardi. Is-sistema użata u ripetuta b'relazzjoni ma' kull hawker."*

(Jidher li hawnhekk saru xi żbalji da parti tat-traskrittriċi meta din ġiet biex tittraskrivi x-xiehda reġistrata ta' dan ix-xhud. Dan qed jingħad għaliex din il-Qorti wara li fliet il-volum ta' outstanding *statements* tal-APS bank relattivi għall-attur (cioe` dak il-volum li ġie esebit mingħajr ma ġie immarkat jew innumerat u għandu l-istatements miġbura b*'indian tag*) sabet li għax-xahar ta' April 1998 (cioe` l-1 ta' April 1998 sat-30 ta' April 1998) jirriżulta li kwantu għall-hawker Anthony Borg (cioe` l-konvenut) hemm dovuta s-somma ta' Lm100.98. Dan ifisser li l-perjodu kellu jaqra l-1 ta' April 1998 (mhux 1 ta' April 2008) sat-30 ta' April 1998, u li s-somma relattiva għal dan ix-xahar hija ta' Lm100.98 u mhux ta' Lm198. Għalhekk meta l-konvenut fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu tal-4 ta' Mejju 2012 (li fil-fatt jagħmel referenza għaliha fir-rikors tal-appell tiegħu) isostni li skont Francis Frendo mill-APS Bank se mai għandu jagħti biss Lm198, dan hu għal kollox infondat għaliex is-somma li Frendo ġie mistoqsi fuqha (Lm100.98 u mhux Lm198) tirreferi biss għax-xahar ta' April 1998 u mhux

għas-snin kollha li tagħhom qed jitlob il-ħlas l-attur (cioe` 1998, 1999, 2000 u 2001).

**Kunsiderazzjonijiet:**

17. Din il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa d-**dokument AZ4** maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li jelenka l-prodotti kollha li xtara l-konvenut mingħand l-attur u l-metodu tal-pagament relattiv, kif ukoll il-**volum ta' *outstanding statements* tal-bank**[14] (dokument bla isem u mhux innumerat) fejn huma elenkati t-transazzjonijiet ta' kull xahar tal-attur mad-diversi hawkers (inkluż il-konvenut), irriżultalha li fir-rigward tal-prodotti agrikoli li xtara l-konvenut fis-snin 1998 sa 2001, dawn fil-fatt kellu jħallashom l-attur. Dan jikkorrobora x-xiehda ta' Marion Attard, rappreżentanta tal-APS meta qalet li rriżultalha li ma sar l-ebda depożitu da parti tal-konvenut għax-xogħol li huwa ħa mingħand l-attur. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta pruvat li l-ammont ta' Lm32,230.79 fil-fatt ħallsu l-attur.

18. Issa l-attur qed jiddikjara li minn tali somma tħallas Lm9,800 mingħand il-konvenut. Il-konvenut ma ġab l-ebda prova ta' ħlas (la tal-Lm9,800 li jsemmi l-attur, u wisq anqas ta' xi ammonti oħra). Għalhekk

[14] Għalkemm din il-Qorti sabet paġna nieqsa f'dan il-volum, senjatament għal dak li jirrigwarda t-transazzjonijiet bejn il-kontendenti għax-xahar ta' Lulju 1999, dawn (bħat-transazzjonijiet l-oħra kollha ta' bejniethom) jirriżultaw elenkati fid-Dok AZ4.

<u>din il-Qorti qegħda tqis li ħallas biss Lm9,800 u li fadallu bilanċ ta' Lm22,430.79.</u>

19. Kwantu għall-ammont ta' Lm4,282.60 rappreżentanti l-valur tal-kaxxi li allegatament ma ġewx ritornati mill-konvenut, għalkemm din l-allegazzjoni ġiet ikkorroborata mid-*delivery men* tal-attur Godwin u Robert aħwa Sant, ma saret l-ebda prova fir-rigward ta' kemm fil-fatt żamm kaxxi l-konvenut. Minkejja li dawn l-aħwa xehdu li kellhom rendikont tal-kaxxi li ttieħdu u li ġew irritornati, addirittura bil-firma tal-konvenut jew ta' ibnu fuqhom, ma ġie esebit l-ebda tali dokument. <u>Għalhekk ma ġiex pruvat li l-konvenut żamm 1862 kaxxa u konsegwentement din il-Qorti ma jidhrilhiex li kienet korretta l-ewwel Qorti meta ordnat lill-konvenut iħallas ukoll dan l-ammont</u>. Fil-fatt l-ewwel Qorti laqgħet it-talba fir-rigward tal-kaxxi mingħajr l-iċken motivazzjoni.

**<u>DECIDE</u>**

20. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut limitatament għall-ammont ta' Lm4,282.60, in kwantu dan il-parti tal-kreditu pretiż mill-attur ma ġiex ippruvat sodisfaċentement.

21. Konsegwentement qegħda tvarja s-sentenza appellata fis-sens li l-ammont li l-konvenut għandu jiġi ordnat iħallas lill-attur huwa ta'

**<u>Lm22,430.79 (€52,263.74)</u>** u mhux ta' Lm26,713.39.

22. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu wiehed minn sitta (1/6) mill-attur u hamsa minn sitta (5/6) mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr